**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 52 – IL-ĠIMGĦA 15 TA' FRAR 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-4:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjura Georgette Borg – Deputat Segretarju Eżekuttiv | |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

**1.1** Inqraw il-Minuti tal-laqgħa nr 51 li saret nhar il-Ġimgħa 25 ta' Jannar 2013. Fuq proposta tas-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris sekondat mis-Sur Massimo Scerri, dawn ġew approvati unanimament.

## 2. KORRISPONDENZA

**2.1** Dr. Marc Sant ġibed l-attenzjoni fuq korrispondenza nr 32/1290/13 mingħand is-Sinjorina Nadine Mifsud, Senior Executive Min. of Tourism Culture and the Environment bis-suġġett European Destinations of Excellence.

**2.2** Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku kompliet titkellem fuq dan il-proġett u li d-deadline biex tapplika kien Il-Ġimgħa 15 ta' Marzu 2013

**2.3** Il-proġettt huwa vast ħafna, li anki il-formola innifisha għandha ħafna irqaqat.

**2.4** Il-Kunsilliera komplew jiddiskutu li żgur ma nistgħux inkunu 'on time' għad 'deadline' għalhekk kulħadd qabel li ghandna nitolbu extension.

**2.5** Peress li Dr. Marc Sant kien diġa bagħat e-mail fl-uffiċċju tal-Kunsill f'dan ir-rigward, is-Sinjura Georgette Borg infurmat lill-Kunsill li kienet diġa bagħtet e-mail lis-Sinjorina Nadine Mifsud biex tintalab extension.

**2.6** Dr. Marc Sant ġibed l-attenzjoni fuq korrispondenza nr 32/0702/13 mingħand Is-Sur David Soler bis-suġġett Green Wardens ġo Ħal Lija.

**2.7** Is-Sinjura Georgette Borg spjegat li wara l-aħħar laqgħa u l-ilment li kien għamel Dr. Marc Sant fuq il-ħmieġ tal-klieb, kif kien ġie deċis, intbagħtet e-mail lis-Sur Soler fejn ġie mitlub jibgħat ir-roster tal-Green Wardens u kemm ingħataw ċitazzjonijiet.

**2.8** Hija kompliet tgħid li s-Sur Soler bagħat korrispondenza lill-Guard and Warden fejn sostna biex il-wardens ikunu iktar stretti go Ħal Lija

**2.9** B'konsegwenza ta' dan anke ingħataw ċitazzjonijiet fuq il-ħruġ tal-garbage mhux fil-ħin.

**2.10** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li tajjeb li ninfurzaw dan għax qed ikun hawn tgergir ukoll fuq il-garbage.

## 3. UIF FUNDS

**3.1** Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku tkellmet li l-pjanta li inbghatet lill-MEPA mingħand il-Perit fuq l-applikazzjoni tal-UIF, ma kienetx il-Pjanta rikjesta.

**3.2** Huma riedu l-Pjanta tal-ġnien antika u ma' l-applikazzjoni riedu ukoll firma ta' Engineer.

**3.3** Is-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet mal-MEPA u ċċarat eżattament x'hemm bżonn.

**3.4** Huma qalula li anke il-Perit tagħna stess jista' jgħid lil Engineer biex jiffirma l-applikazzjoni, jew inkella l-engineer ta' min ħa it-Tender jista' jiffirma ukoll.

**3.5** Is-Sinjura Georgette Borg infurmat lill-Kunsill li kienet għaddiet din il-korrispondenza lill-Perit biex jipprepara l-pjanti u l-firem li hemm bżonn.

**3.6** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li għandha ninsistu għal dawn il-fondi ukoll peress li minnhom ser jittiehdu biex issir Triq id-Dejqa.

**3.7** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ukoll esprimit l-istat disastruz ta' Triq tal-Mirakli.

**3.8** Hija kompliet tghid li għal din it-triq jistgħu jittieħdu mil-fondi l-oħra, dawk tal-ġnien tal-Mirakli.

**4. IL-PROĊESS GĦALL-ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻKEUTTIV**

**4.1** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal li d-Dipartiment ġie infurmat biex jaħtar lil xi ħadd bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**4.2** Is-Sinjura Georgette Borg infurmat lill-Kunsill li għaxar tijiem biss kien ghad fadal biex jintemm il-perjodu ta' disgħin jum bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv u li l-pooling kien għadu ma nfetaħx.

**4.3** Is-Sinjura Magda Magri Naudi infurmat lill-Kunsill li s-Sindku kien semma' li għandha tiġi nominata is-Sinjura Marika Mifsud, Segretarju Eżekuttiv ta' Ħ'Attard biex tkun hi bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**4.4** Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tiġi kkuntattjata is-Sinjura Mifsud biex naraw jekk hiex lesta li taċċetta din il-kariga u wara għandna ninfurmaw lid-Dipartiment.

**4.5** Il-Kunsill unanimament qabel li għalkemm ikun hemm Aġent Segretarju Eżekuttiv, s-Sinjura Georgette Borg għandha tibqa' tmexxi hi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għalhekk għandha tintalab estenzjoni f'din il-kariga.

**5. GREEN PAK**

**5.1** Is-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-laqgħa li hi flimkien mas-Sinjorina Lorraine Farrugia u s-Sinjura Georgette Borg kellhom mal-Green Pak fis-6 ta' Frar 2013

**5.2** Hija qrat u spjegat il-minuti ta' din il-laqgħa lill-Kunsill.

## LAQGĦA MAL- GREENPAK

Attendew għall-laqgħa :

Is-Sur Daniel Tabone, GreenPak

Is-Sur Kurt Scerri, GreenPak

Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku

Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, Kunsilliera

Is-Sinjura Georgette Borg, Deputat Segretarju Eżekuttiv

Ir-rapprezentanti tal-GreenPak bdew il-laqgħa billi nfurmaw li r-residenti ta' Ħal Lija ma tantx jirriċiklaw u anke qalu li hemm problema bil-'bring-in-sites' peress li dawn tneħħew.

Huma nfurmaw lil dawk preżenti li jekk jaqbel il-Kunsill, ghandu jinbeda '*Door to Door Educational Campaign*' fejn ser jitqassmu 'green bags'. Huma ser iħeġġu lir-residenti biex jipparteċipaw u jixtiequ li l-Kunsill ikun il-'mouth piece' tal-proġett.

'Tentative date' biex jinbeda dan il-proġett huwa l-Ħamis 21 ta' Frar 2013.

Ser jintroduċu ukoll il-ġbir tal-ħġieġ darba fix-xahar u din tista' tkun kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar.

Huma qalu ukoll li biex in-nies jitħeġġu jirriċiklaw aktar, meta tinġarbar il-borża il-griża ma tinġabarx il-borża s-sewda. Tista' tibqa' kull nhar ta' Tlieta bħala ġurnata fejn dak inhar ma tinġabarx il-borża s-sewda.

Fuq il-bring-in-sites, is-Sinjura Magda Magri Naudi u s-Sinjorina Lorraine Farrugia issuġerew li jkun hawn tlett lokazzjonijiet fejn jista' jkun hemm il-'bring-in-sites', li huma :

1. Fl-area Ta' Senna – Triq Agostino Portelli
2. Post ċentrali f'Ħal Lija – Soft area fi Triq Robert Mifsud Bonniċi – Il-Headmistress ta' Kullegg Santa Teresa għandha tiġi nfurmata b'din id-deċiżjoni
3. Tal-Mirakli – ħdejn il-kappella tal-Kunċizzjoni mal-ħajt tas-sejjieħ.

Huma qed jisuġerixxu li jintużaw bins żgħar.

Wara l-laqgħa tal-Gimgha 15 ta' Frar 2013, nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2013 il-Green Pak għandhom ikunu infurmati bid-deċiżjonijiet mill-Kunsill filwaqt li jiġi iffirmat l-kuntratt.

5.3 Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan il-progett u anke ma l-iffirmar tal-Kuntratt mal-GreenPak

## 6 TRAFFIC MANAGEMENT

6.1 Is-Sinjura Magda Magri Naudi infurmat lill-Kunsill li dakinhar il-15 ta' Frar 2013 kienet iltaqgħet ma' l-espert tat-traffiku, s-Sur Hugh Arnett.

6.2 Huma marru f'Annibale Preca fejn kien hemm ir-request mis-Sinjura Bonnici, ghall-bollards fuq il-bankina.

6.3 Is-Sur Hugh Arnett qal li jekk din ir-residenta għandha bżonn il-bollards trid permess mingħand il-MEPA, pero hija diffiċli biex jaghtuha dan il-permess peress li r-'*request*' tal-bollards qiegħed fuq il-bankina.

6.4 Jekk għandha diffikulta biex toħroġ mill-garage, il-Kunsill jista' jagħmel linji sofor.

6.5 Is-Sinjura Georgette Borg ippreżentat l-ittra bir-request fuq il-mejda tal-Kunsill.

6.6 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku qalet li trid terġa' tmur 'on-site' mas-Sur Hugh Arnett għaliex ir-*request* ma kienx quddiem id-dar tas-Sinjura Bonnici imma f'blokka flats il-fuq fl-istess triq.

6.7 Is-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq Sqaq Nru.2 Triq Preziosi, fejn hemm residenti li qed jitolbu biex jitneħħew il-linji sofor.

6.8 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li ma għandhomx jitneħħew dawn il-linji minn naħa ta' fuq.

6.9 Is-Sur Hugh Arnett qal li żgur ma għandhomx jitneħħew kollha.

6.10 Is-Sinjura Magda Magri Naudi ghandha terġa' tistaqsi lis-Sur Hugh Arnett biex jerġgħu jinvestigaw.

6.11 Is-Sinjura Magda Magri Naudi ser tikteb lil espert tat-traffiku biex tistaqsih jekk jistax jitneħħa parti mill-linji sofor biex nigwadanjaw parkeġġ fl-isqaq nr 2 fi Triq Preziosi,.b'hekk ambulanza tkun tista' tgħaddi xorta.

6.12 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed tisuġerixxi li jsir parkegg għal motor cycle ukoll f'din it-triq,

6.13 Lir-residenti għandna ngħidulhom li qed nistennew il-parir ta' l-espert tat-traffiku fuq dan.

6.14 Is-Sinjura Magda Magri Naudi qajmet li l-problema ta' parking ukoll fi Triq Nicholas Cottoner.

6.15 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku qalet li fi Triq Carmelo Farrugia minn nofs irid isir white line sħiħ biex jidderiġi it-traffiku u minn Carmelo Farrugia l-isfel irid isir 'broken line' biex jidderiġi it-traffiku ukoll.

6.16 Hija kompliet tgħid li minn Triq Daniel Sammut irid isir 'broken line' u kif iddur Giovanni Barbara irid isir line sħiħ.

6.17 Is-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li kull fejn hemm 'stop signs' bil-liġi iridu jsiru 'stop signs' fuq pole u mhux ma' l-art biss.

## 7 SCARIFYING TRIQ TAL-MIRAKLI

7.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia marret mal-Perit is-Sur John Rizzo Naudi 'on site' fi Triq tal-Mirakli.

7.2 Hija esprimit l-istat ħażin ħafna ta' triq bil-bankina b'kollox u kif din niżlet għal kollox.

7.3 Hija qalet ukoll li l-Perit mar ukoll fi Triq Massimiliano Debono li qeda fi stat hazin ukoll.

7.4 Il-Perit ta' kwotazzjonijiet fuq dawn iż-żewġ toroq imma ma ġewx diskussi peress li dawn mhux ser isiru għalissa.

## 8 TINDIF U QTUGĦ TA' ĦAXIX HAL MANN

8.1 Is-Sinjura Georgette Borg reġgħet ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni mingħand is-Sur Joseph Gauci għat-tindif u qtugħ ta' ħaxix f'Hal Mann għal prezz ta' €950.

8.2 Il-Kunsill ra li din il-kwotazzjoni kienet xi ftit għolja għalkemm Is-Sinjura Georgette Borg spjegat li apparti il-qtugħ tal-ħaxix ser isir tindif ukoll.

8.3 L-area tal-ħaxix fejn għandu jinqata' huwa ta' bejn wieħed u ieħor 800 metru fuq żewg naħat.

8.4 Is-Sinjura Georgette Borg infurmat lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2013 għandhom jiġu ta' ELC biex ikejlu u jagħtuna stima oħra.

8.5 Meta tiġi l-kwotazzjoni l-Kunsill qabel li niċċirkulaw e-mail biex niddeċiedu u nipproċedu bix-xogħolijiet.

## 9 PA/05265/08 – PAB 122/2012 MERINO STREET

9.1 Is-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq PA/05265/08 – PAB 122/2012 – Merino Street

9.2 Hija qalet li l-Kunsill kien diġa ddeċieda li mhux ser joġġezzjona iktar fuq dan is-sit.

9.3 Li ġara kien li l-Avukat kien ircieva il-kawża u peress li ma kienx avżat bid-deċiżjoni tal-Kunsill, huwa mar għal kawża xorta.

9.4 Il-Kunsill iddeċieda li għandna navżaw lill-Avukat tal-Kunsill, li l-Kunsill mhux ser joġġezzjona iktar fuq dan is-sit.

**10 KWOTAZZJONIJIET FUQ IL-BANKINI TA' TRIQ MIKIELANG BORG, TRIQ ANNIBALE PRECA U TRIQ EGIDIO LAPIRA**

10.1 Is-Sinjura Georgette Borg ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill tlett kwotazzjonijet fuq tlett bankini differenti fi Triq Mikielang Borg, Triq Annibale Preca u Triq Egidio Lapira

10.2 Il-kwotazzjoniet kienu mingħand Yves Zammit, Robert Mula u Mario Mallia

10.3 Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tintagħżel l-irħas waħda dik ta' Mario Mallia għat tlett bankini.

10.4 Wara li l-kunsill ra li l-ammonti tat-tlett bankini flimkiem kienu skond ir-regolamenti finanzjarji, gie deciz li nistgħu nipproċedu bix-xogholijiet

10.5 Is-Sinjura Georgette Borg qalet li irid ikun hemm xi ħadd biex jiċċertifika dawn ix-xogħolijet, għax bħal ma' ġara f'bankina li kienet tlestiet fi Triq Robert Mifsud Bonnici, ix-xogħol ma kienx sar sewwa.

10.6 Il-Kuntrattur li għamel din il-bankina aċċetta li x-xoghol fuq din ma sarx sewwa ghalhekk kellu jirranġha

10.7 Għalhekk, il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill għandu jiġi ikkonsultat kull meta jsiru x-xogħolijet biex jiċċertifika li x-xogħolijiet ikunu saru '*up to standard*'.

**11 SKEMA ATTIVITAJIET KULTURALI MEMO 38/2012 – LIVE CRIB 2012**

11.1 Is-Sinjura Georgette Borg ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill *l-invoices* li iridu jitħallsu f'isem Is-Socjeta Sant'Andrija peress li l-attivita tal-Presepju Haj saret bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Hal Lija.

11.2 Meta nirċievu l-ircevuti, dawn ghandhom jintbaghtu għand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jingħataw il-fondi fuq din l-iskema

11.3 Is-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris issuġerixxa li qabel ma l-Kunsill joħroġ il-pagamenti, l-invoices għandhom jintbagħtu għand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jigu iccekkjati li huma korretti.

11.4 Il-Kunsill unanimament qabel biex dan isir.

## 12 SKEMA ATTIVITAJIET KULTURALI MEMO 38/2012 – CITRUS FESTIVAL 2013

12.1 Is-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-'costings' tal-Festival Taċ-Ċitru 2013.

12.2 Hija qalet li wara li nieħdu l-fondi u jitnaqqsu l-ispejjes, il-qliegħ huwa ta' €519.59 u li dawn ser imorru għar-restawr tal-pitturi tal-Knisja.

12.3 Is-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li l-Banda San Pio X, wara li zewg membri ta' din is-socjeta taw servizz f'din l-attivita, ser nagħtuhom €500 u il-Parroċċa ser jingħataw €500 ghal uzu tas-sala u spejjes oħra.

## 13 APPROVAZZJONI TA' L-ISKEMA TA' PAGAMENTI

13.1 Tressqt fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti mit- 26/01/13 sa 15/02/13.

13.2 Dr. Marc Sant staqsa fuq cheque nr 10794 ta' Parisio Nursery għal ammont ta' €7.70 – Ċentru Rekreattiv 'due to ants'.

13.3 Is-Sinjura Georgette Borg spjegat li l-Kunsill li dik kienet invoice antika ta' *spray* biex neliminaw il-problema tan-nemel.

13.4 Is-Sinjura Georgette Borg qalet li irċevejna ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-performance bonus ta' l-ex Segretarju Eżekuttiv, Is-Sur Alfred Buhagiar kien ġie approvat.

13.5 Dr. Marc Sant staqsa ukoll fuq pagament tas-'Civil Protection Department' cheque nr 10805 għall-ammont ta' €1,378.73

13.6 Dan kien pagament tal-Fire Engine għall-Festa tas-Salvatur 2012.

13.7 Il-Kunsilliera approvaw l-iskeda kollha tal-pagamenti.

## 14 GĦELUQ TAS-SENA FINANZJARJA 2012

14.1 Is-Sur Mark Debono, l-Accountant tal-Kunsill ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-Accounts għas-sena finanzjarja li għalqet f'Diċembru 2012.

14.2 Huwa spjega is-sitwazzjoni finanzjarja ghas-sena 2012 lill-Kunsilliera.

14.3 Il-Kunsilliera staqsew domandi ta' kjarifikazzjoni lis-Sur Mark Debono fuq dawn l-Accounts

14.4 Il-Kunsilliera unanimament approvaw dawn l-Accounts li għandhom jgħaddu għand l-Awditur Ġenerali sa nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar 2013 wara li jiġu ffirmati.

## 15 L-AĦĦAR LAQGĦA TAL-KUNSILL

15.1 Il-Kunsill iddeċieda li l-aħħar laqgħa tal-Kunsill ser issir nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2013 fil 5.30p.m.

15.2 F'din il-laqgħa ser jinqraw u jigu approvati il-minuti ta' l-aħħar laqgħa u tiġi approvata ukoll l-lista tal-pagamenti.

Il-laqgħa intemmet fit-6 :30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Mrs Georgette Borg |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

.